# BirdLife Malta tirreaġixxi għal attentati biex tiġi mfixkla d-demokrazija

F'reazzjoni għall-istqarrija ta' dalgħodu maħruġa mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) u l-attentat biex tiġi mfixkla d-demokrazija, BirdLife Malta twieġeb li meta gvern jagħżel li jinjora aġenzija tiegħu stess (l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, ERA) u jdaħħal miżuri li se jwasslu għall-qerda tan-natura u l-ħajja fis-selvaġġ – li huma wirt nazzjonali – allura ma jkunx hemm triq oħra ħlief li wieħed jikkontempla x'għandu jkun il-pass li jmiss. Il-konsultazzjoni pubblika permezz ta' referendum hija dritt demokratiku.

L-attentat biex jinħonoq dan id-dritt demokratiku jirrifletti għaliex fl-2018 għadna nagħtu l-appoġġ tagħna lil prattiċi li huma pprojbiti f'soċjetajiet moderni oħrajn. L-ebda grad ta' intimidazzjoni, inkluż permezz tal-mewġa ta' attakki riċenti fil-midja soċjali fuq uffiċjali ta' BirdLife Malta, mhu se jwaqqaf lil BirdLife Malta milli turi li l-amministrazzjoni ta' Muscat mhix interessata fil-protezzjoni tan-natura.

Bħala punt ta' kjarifika, ir-referendum tal-kaċċa sar fl-istess jum tal-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali li hija spiża naturali fil-proċess demokratiku ta' pajjiżna u aktar minn hekk il-Ministru tal-Finanzi dak iż-żmien kien iddikjara li r-referendum kien sewa €4.6 miljun u mhux is-€6 miljuni li qed issemmi l-għaqda tal-kaċċaturi. BirdLife Malta hija tal-fehma li ċ-ċifra ta' €4.6 miljun hija waħda minfuħa imma tinsisti li hu x'inhu, id-demokrazija m'għandhiex prezz.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


